Diretturi, kollegi, grazzi li għoġobkom tilqgħu l-istedina tagħna għal din il-konferenza.

Miniex ser indum għaliex smajtu ħafna.

Miniex espert fit-trobbija tat-tfal, imma ippermettuli naqsam magħkom ftit ħsibijiet u riflessjonijiet li l-ħidma fl-OASI mal-familji bl-addiction offrietli.

Ħafna minn dawn il-persuni esperjenzaw mhux trawma waħda imma numru ta' trawmi li ħallew marka fihom. Dan jidher ċar mill-fatt li 64% ta' dawk li fl-2022 bdew xi forma ta' terapija fl-OASI jirrapportaw li trabbew f'dar fejn l-addiction, ġeneralment l-użu tas-sustanzi, kienet prevalenti.

57% ta' dawn l-persuni li bdew it-terapija huma ukoll ġenituri bijoloġiċi.

Esperjenzi trawmatiċi li ġraw fit-tfulija jiġu irrakkontati ta' kuljum.

It-tfal huma vulnerabbli. Taqblu żgur miegħi li tifel jew tifla għandhom bżonn l-wens, l-protezzjoni u d-direzzjoni bl-imħabba ta' min għandu l-kustodja tagħhom.

Peress li ngħixu f'soċjetà kumplessa, b'sistemi kumplessi, is-soċjetà ħolqot diversi istituzzjonijiet biex jieħdu ħsieb l-bżonnijiet ta' dawk li huma vulnerabbli fis-soċjetà. Fosthom, is-soċjetà sawret u ħolqot mekkaniżmi magħmulin minn persuni biex jiggarantixxu dawn l-bżonnijiet lit-tfal.

Filwaqt li l-OASI qatt ma riedet li persuni jmorru l-ħabs minħabba l-użu tagħhom tad-droga, kif stqarret fil-Parlament fl-2006, l-Fondazzjoni OASI, flimkien m' organizzazzjonijiet oħra opponiet b'mod ċar il-liġi li tippermetti t-tkabbir u t-tipjip tal-kannabis fid-djar. L-iskop ewlieni kien l-protezzjoni tal-minuri. Jien nistaqsi fejn kienu dak iż-żmien dawn l-istituzzjonijiet li l-għan prinċipali tagħhom hu li jħarsu id-drittijiet u l-bżonnijiet tat-tfal? Fejn kienu l-wens, l-protezzjoni u d-direzzjoni li kellhom joffru dawn l-istituzzjonijiet?

Stedinnihom għal din l-konferenza, imma ma ġewx. Fejn kienu l-ġenituri?

Għandna bżonn ta' ħafna aktar riċerka li titfa' dawl ċar dwar x'qed jiġri fis-soċjetà tagħna, b'mod partikolari fejn jidħlu it-tfal tagħna, li suppost nemmnu li dawn huma l-futur ta' pajjiżna.

Nixtieq nara statistika li turi jekk hemmx rabta bejn il-vjolenza domestika u l-użu tas-sustanzi, u jekk hemm rabta, allura, xi prevalenza hemm? Nistaqsi x'kienet l-inċidenza tal-abbuż tas-sustanzi fl-femiċidji u fl-omiċidji li saru f'dawn l-aħħar 15 -il sena, fejn id-droga, b'mod speċjali l-kannabis u kokaina, saru aktar normalizzati. Kemm kien hemm tfal li ġarrbu trawmi minħabba l-abbuż tas-sustanzi u l-vjolenza domestika? U jekk is-soċjetà b'mod dirett jew indirett qed tippromwovi l-użu tas-sustanzi, is-soċjetà qed terfa' r-responsabbiltà tagħha jew qed titfa' kollox fuq l-persuna li jiżbalja?

Nemmen li r-rieda hija ċ-ċavetta.

L-għan ta' din il-konferenza kien li titqajjem kuxjenza dwar it-tfal u l-addiction, li tqanqal aktar mistoqsijiet milli tagħti tweġibiet. U naħseb li din l-konferenza irnexxielha tilħaq dan l-għan. U dan grazzi għall-istaff b'mod partikolari Carrie, Kyara u Clare. Grazzi lill-esperti, grazzi lil Dr Azzopardi u grazzi lil Ministeru għall-Għawdex.

Grazzi ukoll lilkom li għoġobkom tattendu u taqsmu l-ħsibijiet tagħkom magħna.

Grazzi